10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 35**

**9 ta' Frar 2026**

Il-laqgħa numru 35 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar id-9 ta' Frar 2026 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Karl Carabott

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Is-Sa Roberta Sultana

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI:**

**Ħadd**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija ta' Roberta Sultana u Darren Grech.

## 2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

Laqgħa 34

Joe Vella qal li f'Paġna 2 id-data kien qala ħażin u kella tiġi 24 u mhux 26. F'paġna 4 l-aħħar paragrafu kellu jindika li pjanti kienu juru zebra crossing u mhux speed bumps. F'paġna 11 l-aħħar paragrafu kella tinkiteb ukoll ir-raġuni: Minħabba li fi Triq il-Kbira San Gużepp ma kienx hemm il-konnessjoni meħtieġa.

**Ibins**: Is-Sindku qal li l-ittra bl-avukat intbagħtet però dawn baqgħu ma rrispondewx u għalhekk ser tintalab direzzjoni lill-avukat.

**Van:** Is-Sindku qal li l-kunsill irċieva kont ta' Euro 4190 + VAT għal van meta l-prezz kwotat mill-mekkanik kien ta madwar Euro 1200 + Vat. Il-mekkanik intalab kjarifika fuq il-kont mis-Segretarju Eżekuttiv, u dan wieġeb li waqt li kien qed jaqla' kien qed isib affarijiet li kieku ma tbiddlux ma' kienx ser ikun hemm prodott finali tajjeb. Il-kunsill ma kienx qed jaqbel maċ-ċifra għax ma kienux infurmati biċ-ċifra l-ġdida.

**Karnival**: Is-Sindku spjega li bħalma l-kunsilliera ġew infurmati fil-laqgħa li għaddiet, il-kunsill kien sab l-għajnuna ta' Festivals Malta u Segretarjat taż-Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni u għalhekk wara li jitħallsu xi spejjeż addizzjonali bħal għeluq ta' toroq, indafa, eċċ. Għalhekk kien qed isir suġġeriment bħalma intbagħat fl-email preċedenti li jinxtara apparti ta' Sound jew Dawl li jista' jintuża mill-kunsill għal-attivitajiet futuri kif ukoll mill-għaqdiet tal-lokal. Fuq dan kien hemm qbil b'5 voti favur u xejn kontra.

**Transport Malta:** Is-Sindku qal li il-contracts manager kien mar fi Triq Misraħ il-Barrieri ħdejn Amy's Confectionary u ma kienx sab un/loading bays oħra. Il-Kunsill saqsa l-ħinijiet u L-ES kellha tinforma lil kunsill b'dan.

Is-Sindku qal li għanda issir ittra għal Triq il-Kbira San Guzepp u Triq il-Kanun kif kien maqbul fil-laqgħa ta' qabel.

**Post Vakanti Skala 12 –** Is-Sindku informa li l-persuna ngaġġata wara ġurnata ir-riżenjat peress li sabet xogħol ieħor aktar addattat għal dak li studjat. Għalhekk is-Segretarja kienet sejħet lil persuna li kwalifikat fi tieni post. Dan ukoll kien ġie għal laqgħa u l-għada informa li kien sab xogħol ieħor. Il-kunsill iddeċieda li is-segretarja kellha titlob lill-jobs plus għal lista ta' tielet parti.

**Post Vakanti skala 16 -** is-sindku informa li l-persuna ingaġġata fi skala 16, infurmat lis-segretraju li sabet xogħol ieħor. Peress li l-persuna li kienet għamlet l-intervista kienet instabet ineleġibli, il-kunsill iddeċieda li jerġa' jiftaħ il-post vakanti fi skala 16.

**3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 443 u Petty Cash**

Joe Vella saqsa fuq item 2215 fejn is-segretarja spjegat li dan kien il-pagament għas-sistema tal-permessi hekk kif kien ġie infurmat il-kunsill fil-laqgħat ta' qabel. Joe saqsa ukoll fuq il-pagament 2216 u minn Arcform Architects. Is-Segretarja spjegat li din kienet il-kumpanija tal-perit il-ġdid li kien rebaħ it-tender. Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet jew kumment fuq din l-iskeda u għalhekk din l-iskeda ġiet iffirmata minn Silvio Vella u Sindku Gianluca Falzon.

**4. Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**BCA –** Is-Sindku informa li wara l-inċident li kien sar f'Misraħ il-Barrieri, ftit taż-żmien ilu, f'nofs Jannar il-Kunsill Lokali kien daħħal rapport mal-kuntrattur peress li dan kien qed jieħu

u jingombra aktar minn 20 parkeġġ. Kien hemm ukoll mument fejn sibt filgħodu il-kuntrattur għalaq kompletament it-triq mingħajr permess jew uffiċjali. Għalhekk wara dak li ġara f'din it-triq is-sindku kien f'kuntatt kontinwu mal-BCA u għalhekk saret il-laqgħa mar-residenti li għaliha kienu mistiedna l-kunsilliera kollha. Is-Sindku qal ukoll li r-Residenti kienu tkellmu ukoll miegħu li ix-xogħol kien qed isir sa 18.30 u sindku kellem lil kuntrattur. Is-sindku kien infurmat ukoll li residenti kienu ġabu l-pulizija fuq is-sit. Karl Carabott qal li kieku kien hu mal-ewwel warning lil kuntrattur kien imur dirett għand il-BCA. Silvio Vella qal li hu kien ġie akkużat li l-kunsill ħareġ il-permessi sa 20.00. Is-sindku qal li dan mhux minnu.

Joe Vella qal li s-sindku kellu jikteb u jiddokumenta kollox imma sindku wieġeb li qed ikun hemm wisq problemi bis-siti tal-kostruzzjoni u din kienet impossibbli. Is-Sindku qal li fuq il-laqgħa tal-lum il-BCA kienet ser iżżomm il-kunsill infurmat u s-sindku kien ser jinforma bl-informazzjoni li jkollu.

Joe Vella qal li hu kien qed jissuġġerixxi li issir pressjoni sabiex isir studju arkeoloġiku tal-blat f'Santa Venera. Dan in vista ta' l-inċident ta' Miriam Pace, l-inċident li sar ħdejn il-continental cars u issa dan f'Misraħ il-Barrieri. Is-Sindku qal li kien ser jgħaddi s-suġġeriment lil BCA.

**Zebra Crossing fuq il-pont** – is-Sindku qal li kien irċieva lment għal sleeping police fuq il-pont. Stephen Sultana kien qal li fil-leġislatura ta' qabel kien applika imma din ma ġietx approvata.

**Kameras fi Triq San Gorg -** is-sindku qal li l-operatur tal-cameras kien issuġġerixxa li din il-camera kellha bżonn tiċċaqlaq peress li ma kienx hemm biżżejjed xemx u għalhekk kien qed isirilha l-ħsara. Joe Vella issuġġerixxa li dawn jiċċaqalqu fi Triq Carini minħabba l-karozzi li jitilgħu bil-kontra. Stephen Sultana qal li kien ser ikun diffiċli jaqbdu number

plates peress li dawn kien u twaħħlu ħabba skart. Is-Sindku qabel ma Stephen Sultana u qal ukoll li il-kameras li kien hemm fi Triq Xandru Cortis setgħu jiċċaqalqu għal Romeo Romano. Għalhekk Kien hemm qbil li l-kamera ta' Triq San Gorg timxi għal kantuniera fejn kien hemm il-conimex.

**Triq il-Parroċċa** – Is-sindku informa li meta kien il-maltemp waqgħu diversi anzjani u għalhekk hu kien qed jipproponi puġġaman tul it-triq in-naħa tal-knisja. Il-kunsill qabel ma dan.

**Toroq mhux lesti** – is-sindku qal li bħalma kien kiteb fl-email, kien hemm lista ta' toroq li l-kuntratturi għadu ma lestiex. Għalhekk hu kien qed jissuġġerixxi li tintbagħat email u jingħataw ultimatum ta' ġimgħa. Hekk ix-xogħolijiet ma jsirux fi żmien stipulat dawn isiru mill-kunsill għas-spejjeż tal-entitajiet.

**Skema LESA ma ġietx approvata** – is-sindku informa li l-applikazzjonijiet tal-kunsill ma ġewx approvati mill-LESA peress li l-kunsill kien diġà ibbenefika minn dawn il-fondi.

**Risposta għal public statement -Trejqa ta' Fleur De Lys** – Is-Sindku qal li l-kunsill kien irċieva risposta għal public statement fuq Trejqa ta' Fleur De Lys u sitwazzjoni tal-iskola. Is-Sindku qara din l-email. Silvio Vella qal li bħalissa l-problema kibret għax il-*coaches* kienu qed jipparkjaw fin-nofs anke ġo Psaila Street. Is-Sindku qal li fil-laqgħat li kellu hu kien issuġġerixxa li jerġgħu jibdew jitħaddmu l-parkeġġi riservati għal *coaches* fi Psaila Street. Din is-sitwazzjoni inġabret ukoll għal attenzjoni tal-Uffiċju tal-Prim Ministru fejn dawn informawh li l-emails li qed jintbagħatu ġew injorati ukoll.

**Laqgħa mal-SCH** – Is-Sindku qal li Segretarja iltaqgħet ma' SCH fuq il-ġnien u l-kundizzjoni tiegħu. Hi għamlet rapport ta' dak li intqal u li ġie diskuss. Hi kienet ser tgħaddi koppja ta' dan ir-rapport lil kunsilliera.

**Christmas Tree tas-suf** - is-sindku qal li xtaq li ssir siġra tal-Milied bis-suf u kien tkellem mal-anzjani u dawn urew interess kbir. Il-kunsilliera qablu fuq din l-inizzjattiva u qablu ukoll li s-siġra tal-Milied kellha tkun b'layer ta' *Granny squares* u layer b'disinn ieħor.

**Update – Latrini Romeo Romano** – is-sindku qal li l-ES kienet iltaqgħet mal-kuntrattur u l-perit tal-kunsill u ftehmu kif ser jipproċedi ix-xogħol. Il-Perit kien ser idaħħal il-permessi l-BCA filwaqt li ES kienet ser iġġib il-firem għal *change of applicant* u *change of architect* peress li dawn kienu għadhom fuq il-perit u l-DES ta' qabel.

**Update – Latrini Triq il-kbira** - is-sindku qal li l-ewwel fażi tat-tkissir kien tlesta u l-ES kienet iltaqgħet mal-perit sabiex jibdew l-applikazzjonijiet li hemm bżonn u jiġi tranġat il-BOQ hekk kien hemm bżonn.

**Deputat Segretarju Eżekuttiv** – il-sindku qal li hekk kif titlob il-liġi l-kunsill irid ikollu Deputat Segretarju Eżekuttiv. Peress li l-kunsill ma kellux staff il-fuq minn skala 11, dan kellu jiġi appuntat minn barra. Għaldaqstant hu kien qed jissuġġerixxi li Simon Cauchi għal dan ir-rwol.

**AKL – Personal Accident policy** – Is-sindku informa li bħas-snin ta' qabel l-AKL kienet qed toffri l-personal aċċident policy. Il-kunsill qabel fuq dan.

**AKL – Money Policy** - Is-Sindku informa li bħas-snin ta' qabel l-AKL kienet qed toffri pakkett għal Money policy. Il-Kunsill qabel fuq dan

Hawnhekk Stephen Sultana saqsa hekk jistax isaqsi mistoqsija u għalhekk saqsa fiex wasal il-proċess tal-Bust għat-tifel Adrian Borg. Is-Sindku wieġeb li hu u ES kellhom laqgħa mas-

segretarjat għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka, u l-Innovazzjoni fejn dawn kienu qed jitolbu l-kwotazzjonijiet għal bust planters u l-art. Is-Sindku qal ukoll li hu kien iltaqa' ma' Ramon Mckay l-iskultur li kien issuġġerixxa l-On. Azzopardi Tanti. Stephen Sultana saqsa fejn kien ġej il-bust u sindku wieġeb li fil-buildout ta' Triq Emmanuel Attard. Stephen Sultana qal li l-pjan dejjem kien li dan il-bust isir ħdejn il-Ministeru tal-Ambjent. Is-Sindku qal li fil-laqgħat passati l-bust kien hemm qbil li jsir fi Triq Emmanuel Attard li kienet ser tiġi iffinanzjata mill-MEYR.

**5 u 6 Finanzi Q4 u Anudited Financial statements 2025**

Is-Sindku stieden lil accountant sabiex tidħol fil-laqgħa u tispjega aħjar l-qagħda finanzjarja tal-kunsill. L-accountant minn naħa tagħha qalet li bħala dħul il-kunsill kien daħħal inqas mis-sena ta' qabel minħabba li l-allokazzjoni kienet naqset. Dan għaliex il-flus għal-ġbir tal-iskart kienet naqset minn fuq il-kunsill u kienet ingħatat lir-reġjun. L-accountant qalet li l-kunsill kien għamel telf totali ta' madwar 99K li meta tiġi ikkumparata mas-sena l-oħra it-telf kien naqas b'mitt elf.

L-accountant qalet ukoll li l-problema tar-*retained funds*, li jammontaw għal madwar 200K kienu qed ikollhom impatt fuq l-FSI. Dan għaliex dawn l-proġetti qishom ma sarux meta fil-verità saru u ma ġewx allokati l-fondi f'posthom. Kieku dawn ir-*retained funds* jitneħħew l-FSI titla' l-fuq.

**7 Talba mill-parroċċa**

Is-Sindku informa li l-parroċċa kienet talbet għal għajnuna fuq id-dramm tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sindku qal li s-somma tal-kwotazzjoni li ġabu huma kienet ta' Euro 3,351. Għalhekk ġie deċiż li l-kunsill iġib 2 kwotazzjonijiet oħra.

**8. Espressjoni ta Interess – Ġnien Romeo Romano**

Is-Sindku informa li l-kunsill kien irċieva 2 risposti għal espressjoni ta' interess għal ftuħ u għeluq ta' postijiet pubbliċi. Dawn kienu hekk:

- Damian Vella Euro 300 + VAT fix-xahar
- Joseph Sarcia – Euro 2100 fix-xahar

Għaldaqstant il-kunsill aċċetta t-talba tas-Sur Vella peress li din kienet l-iktar waħda favorevoli.

**9. Bord Evalwazzjoni – Tender Bulky Refuse**

Is-Sindku qal li hekk kif issa ħareġ it-tender għal bulky refuse, kien hemm bżonn li l-kunsill jaħtar bord ta' evalwazzjoni. Silvio Vella qal li hu kien jixtieq ikun parti minn dan il-bord. Għalhekk ġie deċiż li l-bord inkun magħmul minn *chairman* indipendenti, u membri tal-bord ikunu Silvio Vella, u 2 persuni indipendenti.

**10. Mozzjoni dwar l-ħolqien ta' librerija pubblika f'Santa Venera**

Is-Sindku stieden il-Karl Carbott sabiex jaqra l-mozzjoni tiegħu. Karl qara din il-mozzjoni li kienet diġà intbagħtet b'email. Is-sindku qal li xtaq jagħmel kontra mozzjoni u għalhekk qara dan. Din il-kontra mozzjoni kienet tinkludi ukoll id-devoluzzjoni għat-Turetta li l-kunsill kien tkellem fuqha fil-laqat preċedenti kif ukoll id-devoluzzjoni taż-żewġt kmamar fi Triq Qormi sabiex dawn isiru ċentru tal-eżebizzjonijiet u cultural hub rispettivament. Joe Vella semma li hu kien qed jissuġġerixxi żewġ postijiet għal din il-librerija li kienu kamra f'Aġenzija Żgħażagħ jew il-binja fi Triq il-Kbira San Gużepp. Is-sindku qal li l-imsemmija binja hi tal-fondazzjoni Vincenzo Bugeja u mhux tal-gvern. Hu kien diġa kellem lil fondazzjoni fuqha u kienu qalulu li xtaqu jikruha.

Hawnhekk Karl Carabott saqsa sabiex tiġi sospiża laqgħa għal ftit. Is-Sindku aċċetta dan.

Wara dan Karl Carabott qal li wara li saru aċċertamenti mas-SE fuq il-binjiet tat-Turetta u l-kmamar fi Triq Qormi u li l-applikazzjonijiet mal-Lands kienu tassew ser jinkludu ċentru għal eżebizzjonijiet u culutural hub, u xtaq li żewġ mozzjonijiet jingħaqdu flimkien. Hawnhekk is-sindku qal li xtaq jipproponi emmenda. Is-Sindku qara din l-emmenda u Karl Carbott ikkummenta li dak kollu li hemm fl-emmenda kien qiegħed imniżżel fil-mozzjoni li kien preżenta lil-kunsill.

**11. Van għal Anzjani**

Is-Sindku stieden lil Joe Vella jitkellem fuq dan l-item peress li kien preżentant minnu. Joe Vella qal li hu xtaq li l-ħinijiet tas-servizz jitwal. Is-SE qalet li bħalissa l-vann kien qed jintuża minn ħafna nies u kienet se titkellem mal-persuna li kienet qed issuqu bħalissa.

**12. Isem Sqaq Ġdid**

Is-Sindku qal li l-isqaq ta' ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali kien jinsab mingħajr isem u hu kien qed jissuġġerixxi li dan l-isqaq jissemma għal Patri Robert Farrugia. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera preżenti.

**13 TM**

a. **Bdil tad-direzzjoni ta' Triq Adelaide Cini u Triq Romeo Romano -** Stephen Sultana ikkummenta li l-esperti ma kienux qablu mad-din id-direzzjoni għax tkisser il-flow tat-traffiku. Għalhekk il-kunsill kien iddeċieda li jieħu parir min espert tat-traffiku u mbad joħloq diskussjoni mar-residenti.

b. **Applikazzjoni għal Un/loading bay fi Triq il-Ħarrub** – is-Sindku informa li l-kunsill irċieva applikazzjoni għal un/loading bay sabiex jitpoġġew il-containers ta' 20 pied. Il-kunsill ma qabilx ma dan għax kif kien qed jiġi propost din l-un/loading bay kienet ser toħloq inkonvenjent għal minn ikun ħiereġ minn Triq is-Soll. Il-Kunsill ippropona li il-container jitpoġġa fil-parapett tal-kumpanija fi Triq Salvu Gullaimier.

c. **Communal Bay – Triq il-Parata** – il-viċi Sindku kien qed jipproponi li fi Triq il-Parata issir communal parking bay. Fuq dan kien hemm qbil

**d. Un/loading Bay -** Il-Kunsill irċieva applikazzjoni għal un/loading bay fi Triq il-Ferrovija/Salvu Psaila. Il-kunsil qabel li din ma tkunx applikata għal kuljum u għalhekk kien ser jintbgħat il-contracts manager sabiex jiċċekkja hekk kienx hemm un/loading bays fil-viċin.

## 14. Tmiem tal-laqgħa u laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tat-20.00 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss kienet ser issir fi 2 ta' Marzu fil-17.00

Gianluca Falzon

Sindku

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv